# Nistaqsi biex nikteb Malti sew



## *L-iMġarr, l-iStamperija, l-iSkozja, l-iSprite, l-iSpjun…* dan il-kliem miktub tajjeb? Mela kelma tista' tibda b'ittra żgħira u b'oħra kbira warajha?

Skont ir-regoli tal-kitba Maltija l-iMġarr, l-iStamperija, l-iSkozja u l-iSpjun huma kollha miktubin ħażin, filwaqt li **l-iSprite** hija tajba. Dan għaliex "meta jkollna nżidu l-vokali tal-leħen ***i*** bejn isem proprju li għandu jinkiteb bħall-oriġinal (jew reklam) u l-artiklu, din inżiduha skont ir-regola tal-artiklu tal-Malti imma nżommu wkoll l-ittra kapitali tal-kelma fl-oriġinal. Għalhekk għandna niktbu ***l-iSpell, l-iStergene, l-iSprite***."
Mela din ir-regola tintuża eċċezzjonalment u qiegħda biex tibża' għall-forma tal-ismijiet proprji barranin li ma ħadux għalkollox is-sura Maltija u li għadhom jinkitbu bħall-oriġinal. Ikunu speċi ta' "marka tad-ditta". Dan ma japplikax għal ismijiet proprji Maltin (bħal ***l-Imġarr, l-Imsida, l-Imdina***) jew ismijiet proprji ta' nisel barrani li qagħdu għall-kitba Maltija (bħal ***l-Iskozja, l-Imnarja***). U wisq inqas għal nomi komuni integrati, li jinkitbu sempliċiment ***l-istamperija, l-ispjun u l-istrajk***.



lehhilmalti@gmail.com **LEĦĦ IL-MALTI** lehhilmalti@gmail.com

# RITRATTI u NOSTALĠIJA



◀ **IS-SENNIEN:** Dan kien isinn ix-xfafar tas-skieken, l-imqassijiet u għodda oħra. Kien jagħmel dan billi jdawwar mola (rota kbira) b'id waħda jew inkella billi jagħfas b'siequ pedala li kienet tkun fl-art, u b'id l-oħra jressaq l-oġġett lejn ir-rota biex isinnu. Kien idur fl-irħula b'karretta miġbuda minn ħmar.

▶ **TAL-ĦALIB:** Dan kien idur b'merħla mogħoż warajh speċjalment f'postijiet fejn in-nies ma kinux irabbu bhejjem. In-nies kienu jindunaw bih kemm mill-għajta tiegħu *"Ħalib! Ħalib!"* kif ukoll mill-ħoss ta' qniepen żgħar marbutin ma' għonq il-mogħoż. B'sengħa kbira kien jiġbed lill-mogħża minn qrunha, jitbaxxa warajha, ipoġġi r-reċipjent fl-art u jaħleb direttament ġo fih.



**leħħ il-Malti**

nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

**Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com***